MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1148/1990/2

**Gavino Vella u b'digriet tas-26 ta' Frar, 2003 Emanuel Vella assuma l-atti tal-kawza flok missieru Gavino Vella li miet fil-mori tal-kawza.**

**Vs**

**Shiela armla Gilleney u b'nota tat-28 ta' Ottubru, 1994 l-avukat Dottor Patrick Spiteri LL.D. assuma l-atti tal-kawza minflok Shiela armla Gilleney.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-attur ghandu proprjeta' fil-vallata tal-Wardija, limiti San Pawl il-Bahar, li hija adjacenti ghal-proprjeta' tal-konvenuta;

Premess li l-konvenuta ghamlet kostruzzjoni permanenti fuq il-proprjeta’ ta l-istanti, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess id-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvediment opportuni, tghid il-konvenuta ghaliex;

1. il-kostruzzjoni minnha maghmula kif fuq intqal m’ghandiex tigi dikjarata fuq il-proprjeta’ ta’ l-attur;

2. m’ghandiex il-konvenuta tiddemolixxi l-istess kostruzzjoni u tirriprestina l-proprjeta’ ta’ l-attur fl-istat li kienet qabel saret l-istess kostruzzjoni, u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit mill-Qorti u taht id-direzzjoni ta’ perit nominandi; u

3. fil-kaz li jghaddi inutilment iz-zmien hekk fissat u l-konvenuta tibqa’ inadempjenti; l-attur m’ghandux jigi awtorizzat li jaghmel ix-xoghol ta’ demolizjoni huwa stess, taht id-direzzjoni tal-perit nominandi, u dana a spejjez tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-14 ta’ Frar, 1990 il-konvenuta tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta** a fol. 6 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi c-citazzjoni hija nulla peress li l-eccipjenti, li hija Ingliza u ma tafx titkellem jew taqra bil-Malti, ma gietx servuta b’kopja tac-citazzjoni bil-lingwa ingliza kif tipprovdi l-ligi.

2. Illi minghajr pregudizzju tal-premess, l-attur ghandu jaghmel il-prova tat-titolu tieghu tal-proprjeta’ li huwa qieghed jirreklama.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi z-zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta gew sorvolati fil-mori tal-kawza u kien gie nominat perit arkitett biex jirrelata dwar il-mertu tal-kawza.

**Konkluzzjonijiet tal-Perit tekniku nominat.**

Il-Perit nominat minn dina l-Qorti wasal ghall-konkluzzjoni (ara fol. 102) li l-bicca l-kbira tal-kostruzzjoni li ghamlet il-konvenuta hija fuq l-art ta' l-attur, skond l-ewwel talba, u dan kif spjegat fil-paragrafu 25:11 ta' l-istess relazzjoni.

F'dan il-paragrafu l-perit irrefera ghad disinn No: 3003-1 a fol. 94 fejn hemm indikata l-art li turi x-xogholijiet li ghamlet il-konvenuta ndikati bhala (I),(ii) u (iii).

**Tikkunsidra**

Illi l-attur qaghad ghar-rapport tal-perit mentri l-konvenuta bl-ebda mod ma kkontestat il-konkluzjoni tieghu.

Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Bonnett vs Lewis App deciz 1 ta' Marzu, 1994 irriteniet li: "Il-Qorti, sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li tissostiwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku, dan ma taghmlux." U "rarament ghandha l-Qorti tiddisturba l-gudizzju ta' espert tekniku jew mediku sakemm ma jezistux ragunijiet gravi u serji biex taghmel dana".

Generalment konkluzzjonijiet peritali jistghu jigu attakkati fl-eskussjoni tal-perit jew bin-nomina ta' periti perizjuri jew b'produzzjoni *ex parte* ta' esperti fil-materja.

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-perit nominat, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggjunti huma gusti u korretti u hija tikkondividihom u taghimilhom taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li
l-kostruzzjoni maghmula mill-konvenuta kif fuq intqal qieghdha fuq il-proprjeta' ta' l-attur;
tordna lill konvenuta biex tiddemolixxi l-istess kostruzzjoni u tirriprestina l-proprjeta' ta' l-attur fl-istat li kienet qabel saret l-istess kostruzzjoni, u dana fi zmien tlett xhur improrogabbli mil-lum u taht id-direzzjoni tal-perit Fredrick Doublet;
u fil-kaz li jghaddi inutilment iz-zmien hekk fissat u l-konvenuta tibqa' inadempjenti; l-attur qed jigi awtorizzat li jaghmel ix-xoghol ta' demolizjoni huwa stess, taht id-direzzjoni tal-perit nominat, u dana a spejjez tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------